MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2015

Appell Kriminali Numru. 533/2012

Il-Pulizija

vs

**Saviour Balzan**

**u**

**Mark Anthony Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti minn Catherine Sammut kontra l-appellati Saviour Balzan u Mark Anthony Vella quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

1. Talli "Permezz ta' rapport miktub mill-kwerelant Mark Anthony Vella u ippubblikat mill-kwerelant Matthew Vella bħala Editur, intestat "The Last Samurai" liema rapport ġie ppubblikat fil-ħarġa tat-8 ta' Mejju 2011, tal-ġurnal 'Malta Today' bi ħsieb li ttelfu jew tnaqqsu l-ġieh lill-mejjet Frans Sammut, weġġajtuh b'kitba mxandra jew esposta lil-pubbliku (art.252(1) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. U aktar billi… permezz ta' rapport miktub mill-kwerelant Mark Anthony Vella u ippubblikat mill-kwerelant Matthew Vella bħala Editur, intestat "The Last Samurai" liema rapport ġie ppubblikat fil-ħarġa tat-8 ta' Mejju 2011 tal-ġurnal 'Malta Today' irrepetejtu informazzjoni żbaljata u dan b'mod li jgħati x'jifhem u jattribwixxi malafama lill-kwerelant (art 11 tal-Kapitolu 248 tal-Liġijiet ta' Malta".

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-29 ta’ Ottubru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 252(1) u 3 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 11 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta, peress irrizulta li x-xhud principali ma dehritx u ghalhekk ma hemmx provi, l-Qorti lliberat lill-imputati mill-akkuzi kollha migjuba kontra taghhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-15 ta’ Novembru, 2012 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha **tħassar u tirrevoka** s-sentenza appellata, u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar l-isfel f’dan l-umli appell, tgħaddi biex tiddisponi minn dan il-każ skont il-liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fil-5 ta’ Novembru, 2012 l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawża u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet manifestament żbaljata u għamlet eneuċazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-liġi meta lliberat lill-appellati mill-akkużi dedotti fil-konfront tagħhom. Għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell ai termini ta’ l-artikolu 413(1)(b)(*vi*) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħet qatt legalment u raġjonevolment tillibera lill-appellati abbażi tal-fatt li l-*parte civile* naqset milli tidher.

Illi jiġi rilevat immedjatament illi fis-seduta ta’ l-20 ta’ Ġunju, 2012, l-Ewwel Onorabbli Qorti ddifferiet il-kawża fl-ismijiet fuq premessi ***“għall-provi kwerelanta għad-29 ta’ Ottubru 2012, fl-10:30a.m.”.***

Illi skond l-informazzjoni li għandu l-esponent, il-kawża fl-ismijiet fuq premessi issejħet **qabel l-10:30a.m.**, bil-konsegwenza li l-kwerelanti u *parte civile* Catherine Sammut kienet għadha ma waslitx fl-edifiċċju tal-Qorti.

Illi effettivament, fl-10:30a.m. il-kwerelanti u *parte civile* Catherine Sammut daħlet ġo l-awla u b'sorpriża kbira għaliha ġiet infurmata li l-kawża kienet saret u l-imputati kienu ġew liberati.

Illi b'kull dovut rispett, bil-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti sejjħet il-kawża qabel il-ħin skedat, l-istess Onorabbli Qorti ċaħħdet lill-prosekuzzjoni d-dritt għal din il-prova. Bla ebda ombra ta' dubju, fil-każ *de quo,* il-kwerelanti kienet xhud **indispensabbli** għas-suċċess tal-proċeduri fil-konfront ta' l-appellati. B'kull rispett, l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet żbaljata meta sejjħet il-kawża qabel il-ħin skedat, kienet żbaljata meta konsegwentement ċaħħdet lill-prosekuzzjoni mid-dritt għal xhud indispensabbli, u, kwindi, kienet aktar u aktar żbaljata meta fid-dawl ta' dan kollu liberat lill-appellati fuq nuqqas ta' provi.

Illi **strettament mingħajr preġudizzju għall-fuq espost**, jekk wieħed jagħmel ukoll referenza għad-diċitura tal-liġi, u, senjatament, l-artikoli 374 u 375 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, mhuwiex speċifikat b'ebda mod illi l-provi f'kawża sommarja għandhom jinstemgħu f'seduta waħda biss u dan peress li l-liġi tgħid biss illi *'t-tmexxija tal-kawża għandha ssir fil-qosor u bil-fomm u fl-ordni...*[1]*'* kif preskritt fl-artikolu 374 b'applikazzjoni ukoll għall-artikolu 375.[2] Kwindi filwaqt li huwa rikonoxxut li l-kawża sommarja m'għandhiex iddum tkaxkar inutilment (*ergo* t-terminu 'sommarja') il-liġi ma tispeċifikax li kull prova trid bilfors tinstema' f'darba allavolja hekk ikun desiderabbli.

Illi *inoltre* jekk wieħed jara wkoll l-artikolu 377(1) tal-Kodiċi Kriminali, li jittratta l-għoti tas-sentenża f'kawża sommarja jingħad li *'meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża*[3]*, il-qorti, dakinhar*

---

[1] Artikolu 374(i): *(i) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jesponi l-fatt tar-reat u jġib il-provi tiegħu;*

*(ii) il-kwerelat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jagħmel id-difiża tiegħu u jġib il-provi tiegħu;*

*(iii) il-kwerelant jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu jista' jirreplika, u l-kwerelat jew l-avukat jew prokuratur legali tiegħu jista' jagħmel kontra-replika:*

*Iżda l-qorti tista', għal raġuni tajba, tqassam xorta oħra l-ordni tas-smigħ tal-kawża;*

[2] Artiklu 375(c): *l-uffiċjal tal-Pulizija Ezekuttiva, li bih titmexxa l-azzjoni, u l-imputat jew l-avukat jew il-prokuratur legali tiegħu, jinstemgħu fl-ordni msemmi fil-paragrafu (i) tal-aħħar artikolu qabel dan;*

[3] Enfazi tal-appellant.

*stess, jekk jista jkun*[4]*, tagħti sentenza billi tillibera jew tikkundanna l-imputat'*. Illi minn dan l-artikolu tal-liġi l-esponent jislet żewġ punti: (1) fl-ewwel lok is-sentenza għandha tingħata meta jingħalaq is-smiegħ tal-kawża,u, (2) fit-tieni lok, ma hemm ebda obbligu riġidu li l-Qorti trid tagħti s-sentenza tagħha dakinhar stess li tinstema' l-kawża. Issa fil-każ *de quo* l-prosekuzzjoni f'ebda ħin ma ddikjarat li kienet qed tagħlaq il-provi. Għall-kuntrarju l-prosekuzzjoni kienet għadha lanqas biss bdiet tippreżenta l-provi tagħha! Dan ma kienx għal xi raġuni mputabbli lill-prosekuzzjoni, iżda, sfortunatament, għal raġuni 'mputabbli' lill-Onorabbli Qorti li sejjħet il-kawża qabel il-ħin skedat minnha stess. Fil-fatt, kif ġie rilevat aktar 'l fuq, il-kwerelanti u *parte civile* Catherine Sammut kienet debitament preżenti fl-awla, biex tagħti x-xhieda tagħha, proprju fil-ħin skedat.

Illi kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ppreseduta u deċiża mill-Imħallef J. Galea Debono nhar il-21 ta' Ġunju, 2007:

> *'filwaqt li l-Qorti tifhem il-pressjoni li biha jkunu qed jaħdmu l-Qrati tal-Maġistrati speċjalment fis-seduti tad-distrett fejn ikollhom numru kbir ta' kawżi li huma jkunu jixtiequ jiddisponu minnhom, la darba l-prosekuzzjoni kellha xhud imħarrek u din ix-xhud addiritura għamlet talba b'rikors biex tiġi eżentata milli tidher fil-ġurnata in kwistjoni għal raġuni li prima facie kienet tidher serja u ġusta, l-Ewwel Qorti kelha tiddiferixxi l-kawża għal data oħra u mhux tagħmel kif għamlet u tgħaddi biex tagħti s-sentenża mingħajr ma' tisma' x-xhud ewlieni u ċertament idispensabbli tal-prosekuzzjoni.'*

A differenza minn dan il-każ, fil-każ odjern, ma sarx xi rikors għal differiment mix-xhud in kwistjoni. Għall-kuntrarju, din ix-xhud **indispensabbli** fil-fatt **kienet preżenti** fl-awla proprju fil-ħin indikat lilha. Madankollu, l-Qorti kienet sejjħet u ddeċidiet il-kawża qabel il-ħin skedat!

[4] Enfazi tal-appellant.

Illi inoltre, fil-każ ***il-Pulizija vs Clive Debono,*** deċiża minn din l-Onorabbli Qorti ppreseduta mill-Imħallef J. Galea Debono (14/9/2004) ingħad illi l-fatt li ma jidhirx xhud jew xhieda ma tiġġustifikax lill-Qorti tippriva lill-prosekuzzjoni minn prova indispensabbli, u taqbad u tgħaddi għas-sentenza. Jerġa' jiġi ripetut illi fil-każ odjern il-kwerelanti u *parte civile* mhux ma deheritx. Għall-kuntrarju hija deheret fil-ġurnata u ħin stabbilit. Kwindi, dejjem bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-istess Onorabbli Qorti ma setgħetx legalment u raġonevolment iċċaħħad lill-prosekuzzjoni minn din il-prova ndispensabbli.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi mix-xhieda ta' l-Ispettur Rosanne Debattista jirrizulta li l-kawza in kwistjoni ssejhet fid-29 ta' Ottubeu, 2012 fil-hin ta' bejn id-9.20 a.m. u il-kawza giet deciza ghal habta tad-9.35 a.m. Jirrizulta li dak il-hin il-kwerelanta Catherine Sammut ma kinitx prezenti fil-bini tal-Qorti wisq anqas fl-awla fejn kellha tinstema' l-kawza.

Illi fil-hin ta' bejn l-10.05 a.m. u l-10.15 a.m. tad-29 ta' Ottubru, 2012 Catherine Sammut dahlet fl-awla u giet infurmata li l-kawza giet deciza fl-assenza taghha.

Illi fil-verbal tas-seduta tal-20 ta' Gunju, 2012 ta' din il-kawza hemm verbalizzat testwalment: "Il-kawza differita ghall-provi kwerelanta ghad-29 ta' Ottubru, 2012 fl-a10.30 a.m."

Illi l-ewwel Qorti kellha isejjah din il-kawza fil-hin indikat u cioe' fl-10.30 a.m. u mhux qabel jekk il-partijiet ma kienux avzati mod iehor. Mill-provi ma jirrizulta min imkien li kien hemm xi ftehim li l-kawza tinstema' f'xi hin iehor u ghalhekk l-ewwel Qorti kellha zzomm mal-hin li hi tat lill-partijiet. Haga li ma saritx b'konsegwenza li Catherine Sammut me setghetx tmexxi 'l quddiem il-kaz taghha.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tilqa' l-appell tal-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-imputati (appellati) tal-beneficcju tad-'doppio esame' tordna lir-Registratur tal-Qorti biex minnufih jibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex din tisma' l-kawza mill-gdid u tiddecidiha skont il-ligi.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------